VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,547, 16 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 90 tal-2016

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u Summien fir-Rebbiegħa

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61(1) u (2) u l-artikolu 62(1) u (2) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u Summien fir-Rebbiegħa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u Summien fir-Rebbiegħa, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.94

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Sabiex applikant ikun eliġibbli għal Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa, dak l-applikant irid ikollu fil-pussess tiegħu liċenza valida għall-kaċċa tal-għasafar fuq l-art.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) teħtieġ lill-persuna li jkollha Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa sabiex, hekk kif għasfur jiġi maqtul b'xi tir, tinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi bl-użu tas-sistema ta' rappurtaġġ telefoniku;";

(b) il-paragrafu (h) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(h) tipprovdi li l-kaċċa tista' ssir biss minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar matul il-ġimgħa,

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nhar ta' Sibt u Nhar ta' Ħadd u Festi Pubbliċi;"; u

(ċ) il-paragrafu (i) tiegħu għandu jiġi mħassar u l-paragrafi (j) sa (m) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala paragrafi (i) sa (l) rispettivament.

Jemenda r-reoglament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "*carnet de chasse*", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "liċenza ġenerali għall-kaċċa tal-għasafar fuq l-art".